MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2015

Numru 165/2014

**Spettur**

**Kylie Borg**

**VS**

**Felix Schembri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Felix Schembri ta’ 48 sena, bin Gaeatno u Rosaria nee’ Farrugia, mwieled Pieta’ fis-16 ta’ april 1968, residenti 2, Faith, Triq Akacja, San Gwann u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 192168(M);

Talli fit-30 ta’ Lulju 2013 ghall-habta tas-13.15hrs fi Triq l-Assedju l-Kbir fil-Furjana, waqt li kien qed isuq vettur numru DEN 418;;

1) B’nuqqas ta’ hsieb bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkaguna friehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Kevin Gauci, skont kif icceritifkat minn Dr Michell Darmanin MD u Dr Silvaine Mari Dalli MD;
2) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
3) Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura, qasam il-linja bajda kontinwa;
4) Ghamel U-turn f’post ipprojbit u cioe’ fi triq maggura;
5) Aktar talli kkommetta reat waqt li kien ta ordni operattiva ta’ liberta’ kundizzjonata ta’ sentenza moghtija mill-Qorti ta’ Malta preseduta mill-Magistrat Dr Audrey Demicoli LLD nhar 31 ta’ Mejju 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. L-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu fid-data, lok u hin indikati. Hu kien hiereg mill-parkegg pubbliku maghruf bhala MCP Car Park, liema hrug jigi fejn pompa tal-petrol. Hekk kif hareg mill-parkegg, minn flok baqa' niezel dritt lejn il-Monument tal-Gwerra fit-tarf ta' Triq Sant' Anna, hu qasam iz-zewg karreggati tat-triq biex dar 'il fuq lejn il-Fosos tal-Furjana. F'dak il-hin inzerta niezel Kevin Gauci fuq il-mutur tieghu, u hekk kif hareg l-imputat mill-parkegg u qasam il-karreggata, Gauci nhasad u tilef il-kontroll tal-mutur, bil-konsegwenza li waqa' mal-art fit-triq u sofra griehi gravi. Ghalhekk il-Pulizija mexxiet kontra l-imputat b'din il-kawza.

Mill-provi prodotti jidher li hemm qbil fuq il-fatti. Huwa evidenti li l-imputat qasam il-karreggati kif gia' spjegat, izda hu innega li minhabba f'hekk kellu jwegga' Gauci. Anzi jghid li hu ma laqat lil hadd. Hu ma sema' jew hass l-ebda impatt bejn il-vettura tieghu u l-mutur misjuq minn Gauci. Jibqa' l-fatt, pero', li l-manuvra li ghamel l-imputat kienet wahda skorretta ghall-ahhar u tmur kontra r-regolamenti tat-traffiku. Mhux biss, izda dik il-manuvra kienet

traskurata u wasslet ghal dak li jissejjah “sudden emergency” ghal Gauci, li minhabba f’hekk tilef il-kontroll tal-mutur u sofra l-griehi kif indikati. Apparti li huwa l-imputat stess li jammetti li ghamel din il-manuvra, din tidher cara fir-ritratti esebiti fl-atti, li kienu gew mehuda mis-sistema ta’ cameras tal-MCP.

Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huwa l-imputat li huwa unikament responsabbli ghall-incident soffert minn Gauci. Kienet manuvra traskurata li holqot periklu ghas-sewwieq tal-mutur. Il-Qorti ma tara ebda attenwant jew raguni ghalfejn kellha ssir din il-manuvra, u ma tara ebda negligenza kontributorja da parti ta’ Gauci. Ghalhekk il-Qorti ser issibu hati tal-akkuzi, hlief ghall-hames akkuza, ghar-raguni segwenti. L-imputat qed jigi akkuzat b’reat ta’ natura involontarja. Ma jista’ qatt jigi attribwit lilu li hu wettaq reat waqt il-perijodu operattiv ta’ liberazzjoni kondizzjonata. Biex dan isehh, irid ikun wettaq reat volontarjament u bl-intenzjoni specifika li jwettaq reat. Dan assolutament m’huwiex minnu, ghax ir-reat ewlieni hu ta’ griehi gravi involontarji. Ghalhekk il-Qorti ma tistax issibu hati wkoll ta’ din il-hames akkuza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 226(1)(a) u (b) tal-Kap 9;

Ir-Regolament 88 tal-Avviz Legali 128/1994, LS65.11;

L-Artikoli 15(1)(a), (2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ir-Regolament 2, Skeda Taqsima IV, Tabella A(i) tal-Avviz Legali 94/1969, LS65.05;

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-hames (5) akkuza u ghaldaqstant tilliberah miinha.

Issib lill-imputat hati tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant tikkudnannah multa ta' elfejn ewro (€2,000).

Tordna l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal sena.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------